

32004R0825

L 127/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

29.4.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 825/2004**tas-26 ta' April 2004****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2000 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping fuq importazzjonijiet ta' sistemi ta' kameras televiżivi li joriġinaw fil-Ġappun**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra d-dumping minn pajjiżi terzi li mhumiex Membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament Bażiku"),

Wara li kkunsidra l-proposta mogħtija mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Pariri,

Billi:

A. PROĊEDURI TA' QABEL

- (1) Il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1015/94 ⁽²⁾, impona dazju definittiv kontra d-dumping fuq importazzjonijiet ta' sistemi ta' kameras televiżivi (SKT) li joriġinaw fil-Ġappun.
- (2) Fl-Artikolu 1(e) tar-Regolament Nru 1015/94, il-Kunsill eskluđa speċifikament mill-iskop ta' dazju kontra d-dumping fuq importazzjonijiet ta' sistemi ta' kameras elenkat fl-Anness għal dak ir-Regolament (l-Anness), li jir-rappreżenta sistemi irfinuti ta' kameras professjonali ta' format speċifiku li teknikament jaqgħu fid-definizzjoni tal-prodott taħt l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1015/94, iżda li ma jistgħux jiġu meqjusa bħala sistemi ta' kameras televiżivi.
- (3) F'Ottubru 1995, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 2474/95 ⁽³⁾, emenda r-Regolament (KE) Nru 1015/94 partikolarment fir-rigward ta' ċerti mudelli ta' sistemi ta' kameras professjonali li kienu eżentati espliċitament mid-dazju definittiv kontra d-dumping.
- (4) F'Ottubru 1997, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1952/97 ⁽⁴⁾, emenda r-rati tad-dazju definittiv kontra d-dumping għal żewġ kumpaniji konċernati, jiġifieri għas-Sony Corporation u l-Ikegami Tsushinki Co. Ltd, skond l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 384/96. Barra minn hekk, il-Kunsill eskluđa speċifikament mill-iskop ta' dazju kontra d-dumping ta' ċerti mudelli ġodda ta' sistemi ta' kameras professjonali billi żiedhom ma' l-Anness.

- (5) F'Jannar 1999 u 2000, il-Kunsill, bir-Regolamenti (KE) Nru 193/1999 ⁽⁵⁾ u (KE) Nru 176/2000, emenda r-Regolament (KE) Nru 1015/94 billi żied ċerti mudelli suċċessivi ta' sistemi ta' kameras professjonali ma' l-Anness u b'hekk jeskludi dawk mill-applikazzjoni tad-dazju definittiv kontra d-dumping.
- (6) F'Settembru 2000, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 2042/2000 ⁽⁶⁾, ikkonferma d-dazji definittivi kontra d-dumping imposti bir-Regolament (KE) Nru 1015/94 skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Bażiku.
- (7) F'Jannar 2001 u f'May 2001, il-Kunsill, bir-Regolamenti (KE) Nru 198/2001 ⁽⁷⁾ u (KE) Nru 951/2001 ⁽⁸⁾, emenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2000 billi żied ċerti mudelli suċċessivi ta' sistemi ta' kameras professjonali ma' l-Anness u b'hekk eskluđihom mill-applikazzjoni tat-taxxa definittiva kontra d-dumping.
- (8) F'Settembru 2001, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1900/2001 ⁽⁹⁾ wara reviżjoni fil-frattemp skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Bażiku, ikkonferma l-livell ta' dazju definittiv kontra d-dumping impost lill-produttur li jesporta, il-Hitachi Denshi Ltd.
- (9) Fl-aħħarnett, f'Settembru 2002, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1696/2002, żied jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2000 billi żied ċerti mudelli suċċessivi ta' sistemi ta' kameras professjonali ma' l-Anness u b'hekk eskluđihom mill-applikazzjoni ta' dazju definittiv kontra d-dumping.

B. INVESTIGAZZJONI LI TIKKONĊERNA MUDELLI ĠODDA TA' SISTEMI TA' KAMERAS PROFESSJONALI**1. Proċedura**

- (10) Tliet produtturi Ġappuniżi li jesportaw, jiġifieri, s-Sony Corporation (Sony), l-Ikegami Tsushinki Co. Ltd (Ikegami) u l-Matsushita, infurmaw lill-Kummissjoni li kellhom l-intenzjoni li jintroduċu mudelli ġodda ta' sistemi ta' kameras professjonali fis-suq tal-Komunità u talbu lill-Kummissjoni biex iżżid dawn il-mudelli ġodda ta' sistemi ta' kameras professjonali, inklużi l-aċċessorji tagħhom, ma' l-ANNESS u b'hekk teżentahom mill-iskop tad-dazji kontra d-dumping.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 06.03.96, p.1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, tat-13.3.2004, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 111, 30.04.94, p. 106. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 176/2000 (ĠU L 22, 27.01.00, p. 29).

⁽³⁾ ĠU L 255, 25.10.95, p. 11.

⁽⁴⁾ ĠU L 276, 09.10.97, p. 20.

⁽⁵⁾ ĠU L 22, 29.01.99, p. 10.

⁽⁶⁾ ĠU L 244, tad-29.9.2000, p. 38. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1696/2002 (ĠU C 259, tas-27.9.2002, p. 1).

⁽⁷⁾ ĠU L 30, 01.02.01, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 134, 17.05.01, p. 18.

⁽⁹⁾ ĠU L 261, 29.09.01, p. 3.

- (11) Il-Kummissjoni nfurmat lill-industrija tal-Komunità dwar dan u bdiet investigazzjoni limitata għalbiex jiġi determinat jekk il-prodotti taħt konsiderazzjoni jaqgħux fl-iskop tad-dazji kontra d-dumping u jekk il-parti operazzjonali tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 għandhiex tkun emendata skond dan.

2. Mudelli taħt investigazzjoni

- (12) It-talbiet għal eżenzjoni kienu riċevuti għal mudelli ta' sistemi ta' kameras li ġejjin, ipprovduti bit-tagħrif tekniku rilevanti:

(i) Sony:

- unit tar-remote control RM-M7E;

(ii) Ikegami:

- head tal-kamera HDL-20,
- head tal-kamera MKC-501,
- head tal-kamera MKC-501B;

(iii) Matsushita:

- head tal-kamera AW-E650,
- head tal-kamera AW-E655,
- head tal-kamera AW-E750.

Il-mudelli kollha ta' hawn fuq kienu ippreżentati jew bħala li huma parti minn sistemi ta' kameras professjonali idedikati għas-suq ta' video professjonali jew bħala suċċessuri ta' mudelli ta' kameras professjonali għa' esklużi mill-miżura fis-seħħ kontra d-dumping.

3. Sejbiet

- (13) Il-Kummissjoni wettqet eżami tekniku. Minn din l-analiżi rriżulta li l-ebda wieħed mill-mudelli ta' hawn fuq ma jista' jiġi ikklassifikat bħala sistemi ta' xandir jew televiżjoni.

- (i) Unit ta-remote control RM-M7E (Sony), head tal-kamera AW-E650, AW-E655 u AW-E750 (Matsushita)

- (14) Il-unit tar-remote control RM-M7E, head tal-kamera AW-E650, AW-E655 u AW-E750 instabu li kienu sistemi ta' kameras professjonali li jaqgħu fl-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000. Għaldaqstant huma għandhom jiġu miżjuda ma' l-ANNESS sabiex ikunu eżentati mid-dazju definittiv.

- (15) B'konformità mal-prattika stabbilita ta' l-Istituzzjonijiet tal-Komunità il-mudelli kollha ta' hawn fuq għandhom ikunu eżentati mid-dazju mid-data li jiġu riċevuti mis-servizzi tal-Kummissjoni tat-talba rilevanti għal eżenzjoni. Għalhekk, l-importi kollha tal-mudelli ta' kameras li ġejjin, importati fid-data indikata hawn taħt jew wara, għandhom ikunu eżentati mid-dazju minn

Sony:

- unit tar-remote control RM-M7E 6 ta' Awissu 2002;

Matsushita:

- head tal-kamera AW-E650 30 ta' Ottubru 2003,
- head tal-kamera AW-E655 30 ta' Ottubru 2003,
- head tal-kamera AW-E750 30 ta' Ottubru 2003.

(ii) Heads tal-kamera MKC-501 u MKC-501B (Ikegami)

- (16) Fir-rigward ta' mudell ta' kamera MKC-501 u s-suċċessur tagħha MKC-501B instab li dawn il-mudelli kienu idedikati esklussivament għal applikazzjonijiet industrijali u mediċi. They are part of Ikegami's medical camera series and particularly designed for the use in the medical sector. Huma parti mis-serje ta' kameras mediċi ta' l-Ikegami u huma iddisinjati partikolarment għall-użu fis-settur mediku. Għaldaqstant, il-head tal-kamera hija ultra-kumpatta. Ma tistax tiġi konnessa mal-mirin. Il-konnessjoni tal-lenti C-mount hija adattata biss għal lentijiet industrijali, mikroskopji u endoskopji, jiġi, lentijiet tax-xandir ma jistgħux jiġu konnessi. Barra minn hekk, il-mudelli ta' hawn fuq huma miksija b'żebgħa kontra l-batterja speċifikament għall-użu f'ambjent mediku. Għe għalhekk konkluż li l-MKC-501 u s-suċċessur tiegħu MKC-501B kienu eżentati taħt l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament 2042/2000.

- (17) Ladarba ż-żewġ mudelli ta' kameras imsemmijin hawn fuq jaqgħu fl-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 huma b'definizzjoni eżentati mid-dazju definittiv kontra d-dumping, irrISPettivament mid-data ta' importazzjoni tagħhom.

(iii) Head tal-kamera HDL-20 (Ikegami)

- (18) Safejn tikkonċerna l-head tal-kamera HDL-20, instab li din ma taqax taħt id-deskrizzjoni tal-prodott ta' l-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000. Partikolarment il-head tal-kamera hija mgħammra biss b'żewġ sensors (2/3 pulzieri), waqt li l-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 jiddeskrivi head ta' kamera bħala li għandha "tliet sensors jew aktar". Għalhekk, għe konkluż li dan it-tip ta' kamera ma jaqax taħt id-deskrizzjoni tal-prodott u għalhekk mhux fl-iskop tad-dazju kontra d-dumping mingħajr il-bżonn li jkun eżentat espressament billi jiġi miżjud dan il-mudell ma' l-Anness.

4. Informazzjoni tal-partijiet interessati u konklużjonijiet

- (19) Il-Kummissjoni infurmat lill-industrija tal-Komunità u lill-esportaturi tat-TCS bis-sejbiet tagħha u tathom opportunità li jippreżentaw il-fehmiet tagħhom. Ħadd mill-partijiet ma oġġezzjona għas-sejbiet tal-Kummissjoni.

- (20) Fuq il-bażi ta' dak li imniżżel hawn fuq, ir-Regolament (KE) No 2042/2000 għandu jiġi emendat skond dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 għandu jiġi mibdul bit-test imniżżel fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-26 ta' April 2004.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għal importi tal-mudelli li ġejjin, prodotti u esportati lejn il-Komunità minn dawn il-produtturi li jesportaw:

(a) Is-Sony Corporation mis-6 ta' Awissu 2002:

— unit tar-remote control RM-M7E;

(b) Il-Matsushita mit-30 ta' Ottubru 2003:

— head tal-kamera AW-E650,

— head tal-kamera AW-E655,

— head tal-kamera AW-E750.

Għall-Kunsill

Il-President

B. COWEN

L-ANNESS

“L-ANNESS

Lista ta' sistemi ta' kameras professjonali mhux ikkwalfikati bħala sistemi ta' kameras televiżivi (sistemi ta' kameras tax-xandir) li huma eżentati mill-miżuri

Isem tal-kumpanija	Heads tal-kamera	Mirin	Unit tal-kamera control	Control unit operazzjonali	Control unit ewlieni (*)	Adapters tal-kamera
Sony	DXC-M7PK	DXF-3000CE	CCU-M3P	RM-M7G	—	CA-325P
	DXC-M7P	DXF-325CE	CCU-M5P	RM-M7E ⁽¹⁾		CA-325AP
	DXC-M7PH	DXF-501CE	CCU-M7P			CA-325B
	DXC-M7PK/1	DXF-M3CE	CUU-M5AP ⁽¹⁾			CA-327P
	DXC-M7P/1	DXF-M7CE				CA-537P
	DXC-M7PH/1	DXF-40CE				CA-511
	DXC-327PK	DXF-40ACE				CA-512P
	DXC-327PL	DXF-50CE				CA-513
	DXC-327PH	DXF-601CE				VCT-U14 ⁽¹⁾
	DXC-327APK	DXF-40BĊE				
	DXC-327APL	DXF-50BĊE				
	DXC-327AH	DXF-701CE				
	DXC-537PK	DXF-WSCE ⁽¹⁾				
	DXC-537PL	DXF-801CE ⁽¹⁾				
	DXC-537PH					
	DXC-537APK					
	DXC-537APL					
	DXC-537APH					
	EVW-537PK					
	EVW-327PK					
	DXC-637P					
	DXC-637PK					
	DXC-637PL					
	DXC-637PH					
	PVW-637PK					
	PVW-637PL					
	DXC-D30PF					
	DXC-D30PK					
	DXC-D30PL					
	DXC-D30PH					
	DSR-130PF					
	DSR-130PK					
	DSR-130PL					
	PVW-D30PF					
	PVW-D30PK					
	PVW-D30PL					
	DXC-327BPF					
	DXC-327BPK					
	DXC-327BPL					
	DXC-327BPH					
	DXC-D30WSP ⁽¹⁾					
	DXC-D35PH ⁽¹⁾					
	DXC-D35PL ⁽¹⁾					
	DXC-D35PK ⁽¹⁾					
	DXC-D35WSPL ⁽¹⁾					
	DSR-135PL ⁽¹⁾					

(*) Imsejjaħ ukoll set up ewlieni (SUE) jew control panel ewlieni (CPE).

(1) Mudelli eżentati taħt il-kondizzjoni li s-sistemi triax korrispondenti jew it-triax-adapter ma jinbiegħx fis-suq tal-KE.

Isem tal-kumpanija	Heads tal-kamera	Mirin	Unit tal-camera control	Control unit operazzjonali	Control unit ewlieni (*)	Adapters tal-kamera
Ikegami	HC-340 HC-300 HC-230 HC-240 HC-210 HC-390 LK-33 HDL-30MA HDL-37 HC-400 ⁽¹⁾ HC-400W ⁽¹⁾ HDL-37E HDL-10 HDL-40	VF15-21/22 VF-4523 VF15-39 VF15-46 ⁽¹⁾ VF5040 ⁽¹⁾ VF5040W ⁽¹⁾	MA-200/230 MA-200A ⁽¹⁾ MA-400 ⁽¹⁾ CCU-37 CCU-10	RCU-240 RCU-390 ⁽¹⁾ RCU-400 ⁽¹⁾ RCU-240A	—	CA-340 CA-300 CA-230 CA-390 CA-400 ⁽¹⁾ CA-450 ⁽¹⁾
Hitachi	HV-C10F Z-ONE (L) Z-ONE (H) Z-ONE Z-ONE A (L) Z-ONE A (H) Z-ONE A (F) Z-ONE A Z-ONE B (L) Z-ONE B (H) Z-ONE B (F) Z-ONE B Z-ONE B (M) Z-ONE B (R) FP-C10 (B) FP-C10 (C) FP-C10 (D) FP-C10 (G) FP-C10 (L) FP-C10 (R) FP-C10 (S) FP-C10 (V) FP-C10 (F) FP-C10 FP-C10 A FP-C10 A (A) FP-C10 A (B) FP-C10 A (C) FP-C10 A (D) FP-C10 A (F) FP-C10 A (G) FP-C10 A (H) FP-C10 A (L) FP-C10 A (R) FP-C10 A (S) FP-C10 A (T) FP-C10 A (V)	GM-51 ⁽¹⁾	RC-C1 RC-C10 RU-C10 RU-Z1 (B) RU-Z1 (C) RU-Z1 RC-C11 RU-Z2 RC-Z1 RC-Z11 RC-Z2 RC-Z21 RC-Z2A ⁽¹⁾ RC-Z21A ⁽¹⁾ RU-Z3 ⁽¹⁾ RC-Z3 ⁽¹⁾	—	—	CA-Z1HB CA-C10 CA-C10SP CA-C10SJA CA-C10M CA-C10B CA-Z1A ⁽¹⁾ CA-Z31 ⁽¹⁾ CA-Z32 ⁽¹⁾ CA-ZD1 ⁽¹⁾

(*) Imsejjaħ ukoll set up ewlieni (SUE) jew control panel ewlieni (CPE).

⁽¹⁾ Mudelli eżentati taħt il-kondizzjoni li s-sistemi triax korrispondenti jew it-triax-adapter ma jinbiegħx fis-suq tal-KE.

Isem tal-kumpanija	Heads tal-kamera	Mirin	Unit tal-camera control	Control unit operazzjonali	Control unit ewlieni (*)	Adapters tal-kamera
	FP-C10 A (W) Z-ONE C (M) Z-ONE C (R) Z-ONE C (F) Z-ONE C HV-C20 HV-C20M Z-ONE-D Z-ONE-D (A) Z-ONE-D (B) Z-ONE-D (C) Z-ONE.DA (†) V-21 (†) V-21W (†)					
Matsushita	WV-F700 WV-F700A WV-F700SHE WV-F700ASHE WV-F700BHE WV-F700ABHE WV-F700MHE WV-F350 WV-F350HE WV-F350E WV-F350AE WV-F350DE WV-F350ADE WV-F500HE (*) WV-F-565HE AW-F575HE AW-E600 AW-E800 AW-E800A AW-E650 AW-E655 AW-E750	WV-VF65BE WV-VF40E WV-VF39E WV-VF65BE (*) WV-VF40E (*) WV-VF42E WV-VF65B AW-VF80	WV-RC700/B WV-RC700/G WV-RC700A/B WV-RC700A/G WV-RC36/B WV-RC36/G WV-RC37/B WV-RC37/G WV-CB700E WV-CB700AE WV-CB700E (*) WV-CB700AE (*) WV-RC700/B (*) WV-RC700/G (*) WV-RC700A/B (*) WV-RC700A/G (*) WV-RC550/G WV-RC550/B WV-RC700A WV-CB700A WV-RC550 WV-CB550 AW-RP501 AW-RP505	—	—	WV-AD700SE WV-AD700ASE WV-AD700ME WV-AD250E WV-AD500E (*) AW-AD500AE AW-AD700BSE
JVC	KY-35E KY-27ECH KY-19ECH KY-17FITECH KY-17BECH KY-F30FITE KY-F30BE KY-27CECH KH-100U KY-D29ECH	VF-P315E VF-P550E VF-P10E VP-P115E VF-P400E VP-P550BE VF-P116 VF-P116WE (†) VF-P550WE (†)	RM-P350EG RM-P200EG RM-P300EG RM-LP80E RM-LP821E RM-LP35U RM-LP37U RM-P270EG RM-P210E	—	—	KA-35E KA-B35U KA-M35U KA-P35U KA-27E KA-20E KA-P27U KA-P20U KA-B27E KA-B20E KA-M20E KA-M27E

(*) Imsejjaħ ukoll set up ewlieni (SUE) jew control panel ewlieni (CPE).

(†) Mudelli eżentati taħt il-kondizzjoni li s-sistemi triax korrispondenti jew it-triax-adapter ma jinbiegħx fis-suq tal-KE.

Isem tal-kumpanija	Heads tal-kamera	Mirin	Unit tal-kamera control	Control unit operazzjonali	Control unit ewlieni (*)	Adapters tal-kamera
Olympus	KY-D29WECH ⁽¹⁾ MAJ-387N MAJ-387I		OTV-SX 2 OTV-S5 OTV-S6			
	Camera OTV-SX					

(*) Imsejjaħ ukoll set up ewlieni (SUE) jew control panel ewlieni (CPE).

⁽¹⁾ Mudelli eżentati taħt il-kondizzjoni li s-sistemi triax korrispondenti jew it-triax-adapter ma jinbiegħx fis-suq tal-KE."